MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 24/2025-9**

**It-Tlieta, 16 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba - Sindku
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Daniel Cordina - Viċi Sindku
Dr Marlene Cini - Kunsilliera

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Ludvic Saliba - Ambaxxatur Lokali

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

24.1.1 Is-Sindku nforma lil preżenti li l-Viċi Sindku, Daniel Cordina u l-Kunsilliera, Dott Marlene Cini ma jistgħux jattendu.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 23/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

24.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

24.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 23/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.1 Is-Sindku beda billi nforma lil membri li l-bankijiet ta' Pjazza l-Assunta mhumiex inklużi fil-proġett tal-Pjazza u qal li qed jipproponi lil Perit iħejji disinni sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet biex isiru *custom made*. Il-membri qablu.

24.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex tingħata tifkira lil Mons. Noel Saliba li laħaq Arċipriet l-Katidral.

24.3.3 Is-Sindku awgura lir-residenti l-isbaħ xewqat għal festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Kompla jgħid li din hija l-aħħar laqgħa tas-sena u rringrazzja lil membri għal għaqda u s-sinerġija li kien hemm bejn kulħadd sabiex il-ħidma tal-Kunsill tkun suċċess u għal ġid tar-residenti.

**24.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

24.4.1 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier, Mario Portelli*

24.4.1.1 Il-Kunsillier Mario Portelli ngħaqad mas-Sindku u wassal l-awguri u r-ringrazzjamenti tiegħu lejn il-membri tal-Kunsill u r-residenti.

24.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier, Nicky Saliba*

24.4.2.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba wkoll awgura l-Milied u s-sena t-tajba lil membri kif ukoll lir-residenti.

24.4.2.2 Ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn isir patching sew bix-xibka minn Ras ir-Reqqa sa Triq is-Sagħtrija qabel ma jkorri xi ħadd. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

**24.5 SPIs mid-DLG**

Is-Sindku nforma lil membri li ġew approvat minn naħħa tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali dawn il-proġetti:-

SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalita'. Il-Kunsill ġie approvat finanzjament ta' €87,000. Dan il-proġett ser ikun qed jinvolvi r-riġenerazzjoni ta' Triq taċ-Ċaqra u ż-żona tal-Belvedere fl-istess triq.

SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maħħuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill ġie approvat finanzjament ta' €30,000. Dan il-proġett ser ikun qed jara li fil-Playing Field tal-Virtut jerġew jiġu nstallati bandli ġodda, safety flooring, fanali, railing u l-water proofing neċessarju nkluż il-kontra bejt.

Hawn rringrazzja lid-Diviżjoni għas-sostenn u s-sapport tagħha.

**24.6 Ħruġ ta' Offerti**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat rapport mill-Bord t'Evalwazzjoni għal offerta ZGLC/03/2025 – Works Pedestrianised island, paving of central parking area and water reservoir at Pjazza l-Assunta, Zebbug Gozo including an environmentally friendly irrigation system. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għalhekk l-offerta ser tkun qed tingħata lil Mark Attard għal ammont ta' €286,513.42 VAT eskluża.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li hemm bżonn jinħarġu żewġ offerti, waħda għar-riġenerazzjoni taċ-Ċaqra waqt li l-oħra għal Playing Field tal-Virtut. Il-membri qablu li jistgħu joħorġu l-offerti u l-bord t'evalwazzjoni jkun kompost minn: Chairman Michelle Vella waqt li membri Loretta Cauchi, Daniel Galea u l-Ing. Mario Cauchi. Segretarju tal-Bord Odette Camilleri.

## 24.7 *Performance Bonus* tas-sena 2025 tal-ħaddiema

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapporti tal-*performance bonus* tal-ħaddiema klerikali u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni li jingħataw il-massimu.
Ġie preżentat ukoll it-talba għal ħlas mill-Community Work Scheme Enterprises għal ħaddiema tas-CWS. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward il-membri qablu li jingħataw il-massimu.

## 24.8 Materji Oħra

24.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mibgħuta mill-ARPA rigward korrezzjoni finanzjarja fuq M4.3. Il-membri nnotaw il-kontenut u qablu li l-Kunsill għandu jirrifondi s-somma ta' €7,726.99 li hu l-kont tal-Perit Edward Scerri waqt li €1,638.40 li huma flus li għad fadal fl-account tas-Central Bank.

24.8.2 Korrezzjoni finanzjarja oħra fuq M19.2 sub-measure 3, il-Bord maħtur mill-ARPA ma aċċettax l-oġġezzjoni tal-Kunsill u għalhekk total ta' €4,214.96 ma' ġewx aċċettati.

24.8.3 Talba mingħand ir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn fejn talab lil Kunsill sabiex jitlob is-servizz tal-Banda Filarmonika Santa Marija għal festa ta' San Pawl li ser issir fil-25 ta' Jannar 2026. Il-membri qablu.

24.8.4 Korrispondenza mingħand il-Melita plc fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jiġu nstallati kaxxi fuq il-bankini sabiex jnaqssu mill-wires li hemm għaddejjin mal-binjiet tan-nies u tissaħħal il-konnettivita'. Il-membri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tgħaddi l-korrispondenza b'emejl lil Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu.

24.8.5 Korrispondenza mill-Iskola Primarja taż-Żebbuġ fejn talbu lil Kunsill sabiex jipprovdi trasport u tickets għal film għal żmien il-Milied. Il-membri qablu li jidħlu b'kollaborazzjoni u s-somma ma' taqbiżx it-€300.

24.8.6 L-Avukat Chris Said bgħat ittra f'isem il-Kunsill Lokali lil Ministru għal Kultura u Gvern Lokali rigward il-Batterija tal-Qbajjar fejn talab laqgħa urġenti miegħu. Il-membri nnotaw il-kontenut.

24.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li saru diversi talbiet sabiex tiġi nstallata *bus shelter* fi Triq Santa Marija fil-Bajja tal-Qbajjar. Il-membri qablu sabiex il-Perit tal-Kunsill iħejji l-qisien u l-ispecifications sabiex ikunu jistgħu jinġabru l-kwotazzjonijiet.

24.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kwotazzjonijiet għal *lighting setup* mal-faċċata tal-Knisja, *PA System,* dawl u mużika. L-irħas tammonta għal €2,430.80.

24.8.9 Talba mingħand V Curmi sabiex jinxteħet ftit torba fit-Triq tad-Dabrani sabiex il-bdiewa jkollhom aċċess għal egħlieqi tagħhom. Il-membri qablu.

24.8.10 Talba mingħand R Axiaq fejn talab sabiex jitneħħa sinjal isfar minn quddiem il-proprjeta' tiegħu fi Triq Skapuċċina peress li ma jistax jieqaf iħott. Ġie deċiż li tintalab il-veduta ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

24.8.11 Talba sabiex Triq il-Ponta kantuniera ma Triq il-Kanun isir *double yellow line* peress li qed jiġu pparkjati l-vetturi. Ġie deċiż li ssir talba ma Transport Malta.

24.8.12 Talba mingħand residenti li joqgħod fi Triq Oniċi sabiex il-bollard li hemm faċċata tal-garaxx tiegħu jitħarrek minn postu sabiex ikun faċli għalih li juża l-garaxx. Il-membri qablu li jitmexxa żewġ piedi.

24.8.13 Kwotazzjonijiet sabiex jeħel il-madum fl-uffiċċju ta' fejn il-Qbajjar Promenade. Il-membri għażlu l-irħas offerta li tammonta għal €1,241.61.

**24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 18/2025 għall-perjodu ta' Diċembru 2025 li tammonta għal €41,768.77 ġiet approvata mill-membri preżenti .

**24.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.10 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2025 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv